*Irkejjen Storiċi*

# Il-fdalijiet preistoriċi ta' Ħaġar Qim

***— L-ewwel parti***

*Il-gżejjer Maltin huma magħrufa għar-rikkezza fil-fdalijiet preistoriċi. Wieħed jista' jsemmi diversi fdalijiet li kollha għandhom dak l-interess partikulari. Iżda fl-istess ħin wieħed jinnota wkoll li jkun hemm postijiet li jkollhom dik ix-xi ħaġa aktar minn oħrajn. Wieħed minn dawn il-fdalijiet hu dak magħruf bħala ta' Ħaġar Qim.*

*minn Vincent ZAMMIT*



*Dehra mill-ajru tal-fdalijiet ta' Ħaġar Qim*

Il-post jinsab fil-limiti tal-Qrendi, u hu meqjus bħala wieħed mill-aktar interessanti li nsibu fil-gżejjer Maltin. Ir-raġuni hi li dawn il-fdalijiet ma jimxux perfettament ma' l-istess stil u disinn bħal ta' l-oħrajn. Iżda wieħed jinnota li dawn huma kemmxejn differenti. Id-differenza ġejja mill-fatt li hawnhekk għandna grupp ta' kmamar aktar minn postijiet oħra, u barra minnhekk it-tqassim tiegħu hu kompletament differenti mill-oħrajn.

## Ħaġar Qim — is-sejba tal-fdalijiet

Hu interessanti li wieħed jista' jgħid li dan il-post ma tantx kien minsi matul l-istorja. Il-lokalità tiegħu tinsab fuq il-quċċata ta' għolja li wieħed jista' jgħid li tidher minn kullimkien. Il-fatt li għandek numru ta' ġebel imdaqqas ħiereġ mill-ħamrija f'post partikulari, dan sejjer jiġbed l-attenzjoni ta' dak li jkun. Dawn il-fdalijiet ma nistgħux nitkellmu dwar data partikulari u nsemmu meta kienu nstabu għall-ewwel darba.

L-ewwel darba li nkitbet l-istorja ta' Malta fid-dettal kien fis-sena 1647. L-awtur kien il-Malti Ġann Franġisk Abela, membru ta' l-Ordni ta' San Ġwann. F'dik is-sena dan il-Malti ħareġ l-ewwel kitba dettaljata dwar l-istorja tal-gżejjer Maltin. Fiha ħa ħsieb li jsemmi kull ħaġa li kienet tidher f'dak iż-żmien. Fost il-ħafna postijiet semma kien hemm uħud minn dawn il-fdalijiet li llum inqisuhom bħala fost l-eqdem li nsibu fid-dinja kollha.

Wieħed minnhom hu dak li aħna sa llum għadna nirreferu għalih bl-isem ta' Ħaġar Qim. Abela kiteb l-isem ta' dan il-post hekk: Hagiar el Kim. Fost aktar informazzjoni Abela jgħidilna li l-post jinsab f'Raħal Kbir (dan kien l-isem ta' raħal li naturalment maż-żmien ma kienx baqa' jiffunzjona bħala entità).

Skond it-teorija ta' Abela, dawn il-ġebel kbar kienu konferma tat-teorija tiegħu li f'Malta kien hawn grupp ta' abitanti li kienu ġganti. Hu mhux biss xebbah dawn il-ġebel ma' dawk li nstabu f'postijiet oħrajn. Iżda wera wkoll li d-daqs ta' dawn il-ġebel f'Ħaġar Qim kienu tant kbar li ma setgħux ma kinux inġarru minn poplu ġgantesk. M'huwiex il-każ li hawnhekk nidħlu fid-dettal dwar x'kien ħaseb Abela aktar minn tliet mitt sena ilu.

Wara li kien semmiehom Abela, kważi kulmin kiteb warajh, u kien jinteressa ruħu f'dawn it-tip ta' fdalijiet semmew il-post ukoll. Barra minhekk fis-seklu tmintax Jean Houel kien ipprovda l-ewwel stampi ta' dawn il-fdalijiet. Hawnhekk beda jiżdied l-interess fihom. Sadattant wieħed jinnota wkoll li t-teorija li kien ippropona Abela li dawn kienu nbnew minn grupp ta' ġganti, kienet qiegħda tkun rifjutata.

Fis-sena 1816 Onorato Bres, Malti ieħor, kiteb dwar l-antikitajiet li kienu jinsabu fil-gżejjer Maltin. Hu wkoll isemmi l-fdalijiet ta' Ħaġar Qim, iżda ma kienx qiegħed jaqbel mat-teorija ta' Abela. Anzi, hawnhekk hu jagħmilha ċara li dawn kienu jixbhu ħafna l-arkitettura tal-Feniċi, u għalhekk kien qiegħed jgħid li dawn inbnew minn poplu li stajna nagħtuh isem.

## L-ewwel skavi

Iżda l-ewwel darba li dawn il-fdalijiet tnaddfu, jew skavati, kien fis-sena 1839. F'dak iż-żmien Malta kienet taħt l-Ingliżi u l-Gvernatur Sir Henry Bouverie kien warrab somma flus ħalli l-postijiet setgħu jitnaddfu u jkunu konoxxuti aħjar. Il-persuna fdata bis-superviżjoni tax-xogħol kienet J.G. Vance. Hawnhekk tajjeb ngħidu li l-arkeoloġija kif nifhmuha llum ma kinitx l-istess bħal ta' dak iż-żmien. Il-post kien tnaddaf mill-ħamrija li kienet akkumulat matul is-snin.

L-aktar ħaġa importanti għal dak iż-żmien kien li l-ġebel il-kbir ikun mikxuf u kulħadd jinduna bil-fdalijiet li nstabu fil-lok. Il-ħamrija kienet imbarazz, u fil-fatt ħadd ma kien ta' kas ta' jekk kienx hemm oġġetti jew le f'din il-ħamrija.

Minn dan l-istess Vance kien inħareġ ukoll rapport kif ukoll numru ta' disinji dwar il-fdalijiet li nstabu. Iżda jidher li anki dawn ma kinux ta' kwalità tajba, u lanqas ma kienu ta' għajnuna. Tant li ftit taż-żmien wara kellhom jerġgħu jsiru oħrajn aktar tajbin u fidili lejn il-fdalijiet. Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar beda jkun hemm interess f'dawn il-fdalijiet. Kien hemm numru ta' skavi minn A A Caruana fis-sena 1885. Kien hemm oħrajn li saru minn Themistocles Zammit fl-1909.

Fis-sena ta' wara kien sar xi xogħol minn Thomas Ashby. Dan ix-xogħol kien aktar konċentrat biex jistabbilixxu li l-fdalijiet kollha jinkixfu.

L-aktar xogħol importanti seħħ imbagħad wara t-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija. Saru aktar skavi b'mod professjonali, kif ukoll beda jsir xi restawr. Ġebel li kien imwaqqa' beda jittella f'postu, u l-istess faċċata ta' Ħaġar Qim ħadet xejra differenti.

Mhux hekk biss, talli issa kienu saru skavi b'attenzjoni li kien beda jagħti l-frott mixtieq. Id-dehra ta' Ħaġar Qim kienet ferm aħjar minn kif kienet qabel, u kulmin beda jmur iżur il-fdalijiet beda jara parti mill-majestrija ta' l-istess struttura.

Uħud mill-ġebel bdew jinksew ħalli ma jkomplux jitmermru.

Illum il-ġurnata l-fdalijiet ta' Ħaġar Qim jinsabu miftuħa għall-pubbliku in ġenerali. F'appuntament ieħor nagħtu ħarsa lejn l-istess fdalijiet ta' Ħaġar Qim.